**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Rikors Guramentat numru : 1/17AL

**A B**
vs
1. **C D f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri L M B D**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi fit-8 ta' Novembru 2016 C D welldet iben li nghata l-isem L M u peress illi t-tarbija giet imnissla qabel ma' l-partijiet kienu legalment separati fic-certfikat tat-twelid tnizzel li l-misser kien l-esponent.

Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat fid-29 ta' Lulju 2016.

Illi kemm l-esponent kif ukoll l-intimata C D huma certi li l-istess tarbija ma tistax tkun wild naturali tal-esponenti.

Illi ghalhekk l-esponent ghandu interess li l-minuri L  M ma jibqax indikat bhal ibnu.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li L  M li twieled fit-8 ta' Novembru 2016 mhuwiex il-wild naturali ta' A B.
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportune fl-att ta' twelid tal-imsemmi minuri L  M B D u dan billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom missier it-tarbija' jigi kkancellat isem A B u jigi sostitwit bil-kliem 'Missier mhux maghruf' jew l-isem tal-persuna li jirrizulta li fil-fatt huwa missier il-minuri L  M; fil-kolonni kollha l-ohra jigu ikkancellati d-dettalji  u l-konnotati kollha ta' A B; kif ukoll dawk il-korrezzjonijiet, zidiet u/jew annotazzjonijiet ohra jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :  (fol. 13)

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.  Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi fit-tieni lok, ai termini tal-**Artikolu 156 sub-inċiż 4 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-attur għandu l-obbligu li jindika l-ismijiet tax-xhieda li ser jiġu ppreżentati minnu u *di piu'* għandu jindika x'fatti u xi prova beħsiebu jressaq permezz tal-istess xhieda miġjuba minnu;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu tal-liġi qed issejjes din il-kawża istanti, u għaldaqstant ikun ta' benefiċċju għall-esponent illi l-attur jagħmel dan sabiex ikun jista' jwieġeb għal dan ir-rikors ġuramentat b'iktar konkretezza;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent qed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-**Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** stante li l-kawża istanti si tratta proprju *denegata paternita'*;

6. Illi stante l-premess, l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi hekk kif inhu provdut fl-**Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u f'tali ċirkostanza, l-esponent stante li ma għandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawża istanti huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

8. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-attur irid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa tramite l-**Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri L M B D, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

9. Illi sussegwentament u bla preġudizzju għal dak premess, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri L M B D illi dan tal-aħħar ikun jaf min hu missieru naturali. Għaldaqstant, jekk jintlaqgħu t-talbiet tal-attur, ikun ta' benefiċċju u xieraq illi l-konvenuta C D tispeċifika min hu l-missier naturali ħalli b'hekk dan jkun jista' jiġi msejjaħ fil-proċeduri istanti anke permezz tal-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

10. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu

jassumi l-minuri L M B D a tenur tal-**Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

11. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li tintlaqa' id-disa' eċċezzjoni tal-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali ta' L M B D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tiegħu meta twieled L M B D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled L M B D. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-istess L M B D, li għandu n-numru progressiv 6810/2016;

12. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet '*the said'* li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid in kwistjoni;

13. Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuta C D, debitament notifikata, ma ppreżentatx risposta ġuramentata la f'isimha proprju u lanqas f'isem binha minuri L M B D u għalhekk huma kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Rat illi fl-udjenza tas-17 t' Ottubru 2017[1], il-konvenuta C D ddikjarat illi hija qiegħda tammetti t-talbiet kollha tal-attur;

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[2], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi l-kawża ġiet intavolata entro s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija u għalhekk fit-terminu konċess mill-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, għall-preżentata ta' azzjoni ta' din ix-xorta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta[3], omm il-minuri, illi f'dan l-istadju m'hemmx provi dwar min hu il-missier naturali.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn żewġ l-omm ("the husband") għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri L  M B D. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri huwa rreġistrat bħala ibnu, dan m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Permezz tar-rikors ġuramentat, l-attur jispjega illi huwa u l-konvenuta C D kienu miżżewġin iżda nfirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni iddatat id-29 ta' Lulju 2016[4]. Sussegwentement fit-8 ta' Novembru 2016[5], il-konvenuta D welldet tarbija li ġiet imnissla qabel ma l-partijiet kienu legalment separati.  L-attur jiddikjara illi *"kemm l-esponenti kif ukoll l-intimata C D huma ċerti li l-istess tarbija ma tistax tkun wild naturali tal-esponenti."*

[1] Fol. 19
[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Udjenza tas-17 t'Ottubru 2017, fol. 19
[4] Mhux esebit
[5] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 4

Huwa ma jelaborax minn fejn tirriżulta din iċ-ċertezza li għandhom kemm huwa kif ukoll il-konvenuta.

Permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Illi, waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2017, il-konvenuta C D, debitament assistita, ammettiet it-talbiet kollha tal-attur u l-partijiet qablu wkoll illi l-minuri jiehu l-kunjom tal-omm, cioe` D.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi stante l-ammissjoni tal-konvenuta C D, tilqa` t-talbiet tal-attur u ghalhekk :

1) Tiddikjara li L M li twieled fit-8 ta' Novembru 2016 mhuwiex il-wild naturali ta' A B.
2) Konsegwentment tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri L M B D u dan billi fil-kolonna "Isem u kunjom missier it-tarbija" jigi kkancellat isem A B u jigi sostitwit bil-kliem "Missier mhux maghruf"; fil-kolonni kollha l-ohra jigu kkancellati d-dettalji u l-konnotati kollha ta' A B; kif ukoll dawk il-korrezzjonijiet, zidiet u/jew annotazzjonijiet ohra li jidhirla xierqa.

Il-minuri ghandu jassumi l-kunjom D.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta C D.